**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Dylan Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Dylan Vella, iben James u Marion nee' Refalo, imwieled Pieta' nharit-3 ta' marzu 1986 u residenti gewwa l-fond numru 33, Triq Patri Magri, Hamrun, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 203286M;

Talli fil-lejl bejn l-24 ta' Awwissu 2013 u l-25 ta' Awwissu 2013 u fil-granet ta' qabel, gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car permezz ta' xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rida Shoaibe, jew gibtlu disordni

f’mohhu w li liema hsara setghat iggib periklu ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offizi u dan skond ma ccertifika Dr. A.M. Scerri M.D. (Reg. No. 3498) mid-Dipartiment tas-Sahha Primarja, Floriana;

2) Ikkaguna biza lil Rida Shoaibe li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu;

3) Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Rida Shoaibe;

4) Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5) Nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti tal-kaz in esami kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Awwissu, 2013, f'Paceville, l-imputat kien gie fl-idejn ma' persuna ta' nazzjonalita' barranija bl-isem Rida Salem Shoaibe, liema persuna sofriet griehi ta' natura gravi. Sar rapport lill-Pulizija dwar dan l-incident, u l-imputat gie interrogat u rrilaxxa stqarrija fit-2 ta' Settembru 2013, u tressaq b'arrest dakinhar stess quddiem din il-Qorti. Hu wiegeb li mhux hati, u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi f'din il-kawza. Fl-istqarrija esebita a folio 5 tal-process, l-imputat jistqarr li dan Rida kien beda johrog mat-tfajla li kellu, u li xi jiem qabel l-incident mertu ta' din il-kawza gew ghalih zewg persuni biex jaggreduh. Huma qalu li kienu mibghuta minn Rida Shoaibe, izda hu harbilhom u ma gewx ghalih. Ghalhekk dakinhar tal-incident, hu ra lil Rida gej ghalih u qabad flixkun biex jiddefendi ruhu, kif fil-fatt ghamel.

Xehed il-vittma Rida Salem Shoaibe, li qal kif gie aggredit mill-imputat bi flixkun tal-hgieg, u sofra griehi f'rasu u f'zaqqu. Qal li qala' diversi daqqiet minn Vella, u xi hin gew il-Pulizija u Vella harab 'l hemm. Hu esebixxa kopji ta' messaggi li ntbatu bejn l-imputat u certu Mari Frendo. Ic-certifikat mediku esebit a folio 10 tal-process juri lacerazzjonijiet sofferti minnu. Xehdet ukoll it-tabiba li kienet ezaminatu, Dr Anne Marie Scerri, li kkonfermat il-griehi indikati fic-certifikat. Xehed is-Surgent PS 1456 li esebixxa r-rapport tal-okkorrenza.

Xehed Darren Vassallo, habib ta' Rida u li kien xoghol fil-vicin, li qal li ra l-incident. Hu spjega li l-imputat ghal xejn b'xejn aggredixxa lil Rida meta gie wicc imb'wicc mieghu u tah daqqa ta' flixkun f'rasu. Ma rax il-flixkun jinkiser, u wara Vella harab jigri u Rida mar jigri warajh. Mistoqsi mill-Qorti, Vassallo qal li kien hemm hafna nies dak il-hin izda hadd ma intervjena, ghax hija haga normali ta' kuljum. Xehed ukoll Clayton Gatt, ukoll habib ta' Rida, li dak il-hin kienu qed jitkellmu flimkien. Hu qal li l-flixkun inkiser, ghax sama' hoss ta' hgieg jinkiser, izda ma jafx dan il-flixkun x'laqat. Qal ukoll li rahom jiggieldu, izda qabad u dahal gewwa u ma ra xejn aktar.

Xehdet Mari Frendo li qalet li ma kienetx presenti meta gara l-incident izda kkonfermat il-messagi li ntbatu bejnha u l-imputat fuq Facebook. Xehdet ukoll Lodie Azzopardi, habiba tal-imputat, li qalet li rathom jiggieldu, izda ma

semmiet ebda flixkun. Giet esebita wkoll sentenza datata 27 ta' Gunju, 2011, fil-konfront tal-imputat, ghall-finijiet ta' recidiva. Il-Prosekuzzjoni b'hekk kienet ghalqet il-provi.

Ghalkemm jissemmew li kien hemm Pulizija li kienu intervjenew waqt l-incident, dawn ma gewx identifikati u b'hekk ma gewx prodotti. Ukoll, gie indikat li Rida Shoaibe gie rikoverat l-isptar Mater Dei wara li kien gie ezaminat fic-Centru tas-Sahha fil-Furjana, izda ma gie prodott ebda dokument jew xhud ta' dan. Ghalhekk, zewg elementi importanti ghall-kaz ma gewx sottomessi ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti.

Bhala provi tad-difiza, xehed l-imputat li spjega li dakinhar tal-incident kien l-ahhar minn sensiela ta' incidenti li Rida kellu mieghu tul numru ta' xhur. Kien gia' gie aggredit minn Rida u minn persuni ohra. Ftit jiem qabel kienu gew fuqu zewg persuni ta' nazzjonalita' gharbija u staqsewh xi gralu ma' Rida, izda hu harab minnhom. Ghalhekk, dakinhar tal-incident, Vella ra lil Rida flimkien ma' Darren Vassallo, li kien jaf li t-tnejn kienu 'bouncers' jahdmu Paceville, u hekk kif ra lil Rida gej lejh, qabad flixkun biex jiddefendi ruhu, biex ma jibqax jaqla' biss. Qal li gew ghalih tlieta min-nies, wiehed minnhom Rida, u bdew ituh. Hu irreagixxa u qabad flixkun u ta daqqa lil Rida f'rasu, u l-flixkun waqa' minn idu. Ma jafx jispjega kif Rida sofra ferita f'zaqqu wkoll. Hekk kif tah din id-daqqa, Vella harab minn fuq il-post u riga gie jigri warajh, izda ma lahqux. Id-difiza ma kellhiex aktar provi.

Minn dawn il-provi jirrisulta li fil-fatt kien hemm glieda bejn Vella u Rida fil-lejl indikat, u b'risultat ta' dan Rida sofra griehi gravi. Irrisulta li kien hemm argumenti ohra bejniethom qabel dan l-incident. Hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat ma jahti xejn ghal dan. Il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verzjoni tal-imputat minn dik tal-vittma. Hija inverosimili ghall-ahhar li kien hemm Pulizija fuq il-post u dawn ma ttellghux jixhdu. Jekk hu hekk, kien ikun nuqqas kbir tal-Prosekuzzjoni li ma jipproducux xhieda hekk importanti. Huwa hafna aktar probabbli li ma kien hemm ebda Pulizija fuq il-post. Il-procedura kienet tkun li kif jiddahhal ir-rapport l-ghassa, kien ikun hemm update minn dawn l-ufficjali. Hija aktar verosimili li Rida mar jigri wara l-imputat hekk kif qala' d-daqqa tal-flixkun, u hija aktar verosimili wkoll li Vella telaq jigri ghax ma riedx jiggieled ma' tlieta min-nies. Li kieku Vella ried verament jaggredixxi lil Rida, kien jaghmel mezz isibu wahdu, jew almenu kien jassigura li jmur ifittxu u jmur

ghalih flimkien ma' xi hbieb tieghu. Ma jaghmilx sens li jaggredixxi tlieta minnies wahdu. Inoltre, il-verzjonijiet moghtija minn Darren Vassallo u Clayton Gatt ma jaqblux bejniethom, meta dawn it-tnejn kienu presenti waqt din il-glieda. L-anqas jaghmel sens li habib taghhom jaqla' daqqiet minn Vella u dawn ma jintervjenu xejn. Vassallo kien xoghol mal-bieb u ma ghamel xejn. Gatt kien hemm u dahal gewwa. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-azzjoni ta' Vella kienet biss biex jiddefendi ruhu minn Rida, u d-difiza kienet in proporzjon mal-aggressjoni li kien soffert minnu.

Kwantu ghas-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni, din tirreferi ghal ordni ta' probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446, u ghalhekk ir-recidiva mhix applikabbli. Se mai kellha tinghata imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' probation, li, izda, ma nghatatx. Ghalhekk il-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati u sejra tilliberah minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50, 214, 216(1)(a)(b), 217, 251B, 338(dd), 339(1)(e), 412C, 382A, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat hati u tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**